

GĦAQDA
MUŻIKALI
MELITA
MSIDA.

# ANNWAL '79

# The New SUNBEAM from Chrysler



## Locally assembled for better value

The new Chrysler Sunbeam is a family sized hatchback that sets new standards of style, equipment, comfort, economy and space.

A front engine/rear drive has been chosen for the Sunbeam and several design features contribute to low running and maintenance costs.

Wide-opening doors provide access to an interior which is very roomy for a car of this size and a very large glass hatchback is self-lifting on gas-filled struts for easy loading. The rear seat folds flat to provide estate car size load carrying capacity.

Other features of the Sunbeam's interior are the excellent instrument and minor control layout.

The new Chrysler Sunbeam has a 1300cc engine with a Zenith CD3 150 carburettor producing 59 bhp at 5000 rpm and 69 lb ft of torque at 2600 rpm.

See it in our showroom now.

AUTHORIZED DISTRIBUTOR CHRYSLER INTERNATIONAL

**INDUSTRIAL MOTORS LTD.**

National Road Blata l-Bajda Telephone: 621205-6

Gozo Agent: Salvu Bajada, Victoria Tel 76520

A.D. 1922

# GĦAQDA MUŻIKALI MELITA

**227, Triq il-Kuncizzjoni, Msida**
**Tel: 34916**

**f'dan l-Annwal . . .**

**jikteb il-President ............... 3**
**l-Ghaqda matul is-sena .. 5,7**
**il-Kumitat ............................ 8**
**Festa San Guzepp ............. 9**
**taghrif dwar l-Imsida ... 11,13**



**L-Istatwa Artistika ta' San Guzepp, Msida.**

**Ringrazzjamenti lil dawk kollha li ghogobhom jirriklamaw f'dan l-Annwal.**

**Ritratti: C. Falzon.**
**Disinji u materjal: C. Taliana.**
**Progress Press Co. Ltd.**



## *il-President*

Gheziez membri u Misidjani,

Kull sena, bhal daz-zmien, il-Kumitat ihejji ghalikom dan il-ktejjeb sabiex inthom tkunu tistghu tapprezzaw ix-xoghol li jkun sar matul is-sena li ghaddiet.

Din is-sena, bhas-snin ta' qabel, ghamilna l-almu taghna biex inhejju progetti biex insebhu aktar il-kazin. L-Ghaqdiet Muzikali ghandhom l-importanza taghhom fil-hajja tal-pajjiz taghna. Barra milli jxerrdu l-arti muzikali huma ukoll centri ta' edukazzjoni u rikreazzjoni ghas-soci. Hafna huma dawk l-irgiel li wara x-xoghol tal-gurnata jghaddu s-siegha tal-mistrieh taghhom gewwa l-kazin fejn huma jiltaqghu ma' shabhom u fejn tinholoq hbiberija u ghaqda kbira.

Irridu li l-Imsida, wahda mill-isbah centri ta' Malta, tibqa sabieha, anzi tkompli tizbieh. Ghad hemm hafna x'isir, li jista jsir, jekk flimkien nahdmu u nistinkaw jekk verament ahna l-Msidjani rridu lil uliedna jkunu kburin bil-progress li wettaqna ahna ghalihom u ghal l-akbar glorja ta' pajjizna.

J.M. Cassar Naudi
President.



# Tivoli Confectionery

(Joseph Mallia)

Tel: 22333.

tircievi ordnijiet ghal:

*Tiġijiet,*

*Magħmudijiet,*

*Parties, etc.*

*Irrikorru:*

**181, High Street,**

**Hamrun.**

**Bakery:**

**Ghost Street,**

**Hamrun.**

## L-GHAQDA MATUL IS-SENA

1

### J.M. Cassar Naudi — 25 sena fil-kumitat

F'riceviment moghti fil-sala tal-kazin, fis-17 ta' Novembru, il-President ta' l-Ghaqda, is-Sur Cassar Naudi gie pprezentat bi frame tal-fidda, mill-kumitat u l-membri ta' l-Ghaqda bhala tifkira ghas-servizz li ta lill-Ghaqda f'diversi karigi ufficjali matul l-ahhar 25 sena. Diskors ta' l-okkazjoni sar mis-Sur C. Taliana u wara diversi ghaqdiet Misidjani u barranin ukoll ipprezentaw rigali. Is-sinjura Cassar Naudi giet ukoll moghtija bukkett fjuri. Il-President imbaghad f'diskors li ghamel wera l-apprezzament tieghu ghal dak kollu li sar ad unur tieghu, waqt li rringrazzja lill-kumitat, membri u benefatturi ghal dak kollu li qed jikkontribwixxu ghall-kazin kemm b'xoghol u b'ghajnuniet ohra. Ghal dan ir-riceviment gew mistiedna Ministri, l-Membri Parlamentari tad-distrett, il-Kappillan ta l-Imsida u bosta benefatturi ta' l-ghaqda.



**Is-Sur Taliana jipprezenta frame tal-fidda ghan-nom tal-Kumitat u l-Membri lill-President.**

### Konsulent legali onorarju gdid

Il-vojt imholli mill-Magistrat Filletti issa gie mimli minn Dr. Emanuel Mallia. Dr. Mallia ghalkemm huwa Slimiz izda ghandu konnessjonijiet ma l-Imsida, tant li l-ufficcju tieghu huwa f'Msida Sea Front.

### Xogholijiet fil-kazin

Membri tal-Kumitat b'ghajnuna ta' xi membri ohra ghamlu ghadd ta' xogholijiet matul is-sena. Li jinghataw dettalji huwa mpossibbli, izda huwa tajjeb li wiehed isemmi dawn ix-xogholijiet fuq fuq. Fis-sala tal-kazin, sar suffett tad-drapp, purtieri fit-twieqi u flourescent tubes kif ukoll is-sala giet iddekorata. Is-siggiejiet ta' l-istess sala gew irrangati u moghtija l-vernic. Xogholijiet ohra huma mwejjed tal-loghod bil-wicc tal-pannu, xiri ta' heaters u fannijiet, imwejjed u umbrelel ghall-parapett kif ukoll plakka tal-ferro battuto u kawba. Gie wkoll restawrat siggu antik, saret toilet modern fl-ewwel sular u giet irrangata sewwa t-toilet t'isfel inkluz madum tac-ceramika fl-art. Gie ukoll mibdul it-Television set tal bar. Ta' minn isemmi ukoll statwa ta' San Guzepp li giet moghtija mill-proprjetarju tal-hanut Casabelle li issa giet impoggija fit-tarag.

# CROWN COLD STORE LTD.

(J. & L. MUSCAT)

**TA' XBIEX. TEL: 30045, 35842, 35636.**

*IMPORTATURI*

- tal-MAGĦRUFA butir u ġobon ta' l-"ANKRA"

- ta' kull kwalita' ta' laħam "AFFCO"

**kollha prodotti ta' New Zealand**

L-GHAQDA MATUL IS-SENA





Il-President jipprezenta memento lill-Magistrat Filletti waqt l-ikla li giet organizzata ad unur tieghu.

**Allievi tal-banda**

Aktar ma jghaddi z-zmien aktar l-iskola tal-muzika qed tikber u tissahhah. Din is-sena, saret riorganizzazjoni biex b'hekk tissahhah l-iskola u t-tfal allievi jkollhom aktar incentiv. It-tfal ser jibdew jinghataw rinumerazzjoni meta jdoqqu ma' l-ghaqda. Kull minn jigi ddikjarat bandist tinghatalu ukoll beritta. Filfatt matul is-sena giet imsejha laqgha ghall Genituri fejn giet spjegata r-ri-organizzazjoni.

**Banda**

Barra mis-soltu servizzi barra l-pajjiz jigifieri dawk ta' Fatima, Pieta u s-Sacro Cour, tas-Sliema, il-banda taghna din is-sena giet maghzula bix-xorti biex tiehu sehem fil-festi Nazzjonali ta' 31 ta' Marzu '79. Il-Banda taghna, maz-zewg baned beltin, La Vallette u l-Istilla ghamlet marc brijjuz fit-trieq ir-Repubblika il-Belt, nhar it-30 ta' Marzu, 1979.

Fil-Festa ta' San Guzepp ta' din is-sena, il-banda taghna barra milli taghmel is-soltu marc brijjuz il-Gimgha, ser taghmel marc iehor flok is-soltu programm ta' lejliet il-Festa. Programm iehor li taghmel il-banda taghna huwa dak ta' lejliet il-Milied met takkumpanja lit-tfal tal-Muzew fil-kant ta' l-ghanijiet tal-Milied.

**Dinner Party ghad-unur il-Magistrat Filletti**

Madwar 100 membru bin-nisa taghhom attendew ghall-ikla fis-sala lussuza tal-Concorde Hotel, Bugibba, li giet organizzata mill-kumitat ad unur il-Magistrat Dr. J. Filletti B.A., LL.D., fl-okkazjoni tal-hatra tieghu bhala Magistrat. Saru diskorsi mill-President, is-Sur Cassar Naudi u mill-Magistrat Filletti. Fl-istess okkazjoni giet pprezentat bi frame tal-fidda bhala tifkira ta' l-okkazjoni.

Il-Magistrat Filletti serva ta' segretarju fil-kumitat ta' l-Ghaqda ghal xi ftit taz-zmien wara li sar avukat u baqa l-avukat konsulent onorarju sa ma giet mahtur Magistrat.

A.D. 1922

# Il-Kumitat 1979.....



*President*
**J.M. CASSAR NAUDI**



*Segretarju*
**J.M. ATTARD BALDACCHINO**



*Tezorier*
**C. TALIANA**



*Direttur Generali*
**N. FARRUGIA**



*Vici-President*
**J. VELLA**



*Asst. Segretarju*
**G. BETTS**



*Asst. Tezorier*
**C. FALZON**



*Asst. Dir. Gen.*
**N. FARRUGIA**



*Asst. Dir. Gen.*
**L. BALDACCHINO**



*Membru*
**J. TEDESCO**



*Membru*
**P. SALIBA**



*Surmast*
**Mro. CARM. G. BORG**



*Direttur Spiritwali*
**Revdu. A. ABELA**



*Konsulent Legali*
**DR. E. MALLIA, L.P.**



*Konsulent Perit .*
**L.A. NAUDI, B.E.& A., A.& C.E.**



*Is-sehem tal-Banda fil-*

# *Festa San Ġużepp – Lulju, '79.*

**il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju, fit-8.00 p.m.**

## marc tradizzjonali

il-marc jibda minn quddiem il-knisja Parrokkjali S. Guzepp u jghaddi minn dawn it-toroq: ix-Xatt ta Ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons Dandria, Gdida, D'Argens, Kuncizzjoni kollha, il-Wied u jispicca quddiem il-kazin f'Misrah il-Palm.

---

**is-Sibt, 21 ta' Lulju, fis-7.30 p.m.**

## marc brijjuz

il-marc jibda minn quddiem il-Knisja Parrokkjali, jghaddi mix Xatt ta' TaTax-Xbiex, Mons. Dandria, Sawmill Street, Triq San Alwigi, Triq il-Kuncizzjoni, Triq il-Wied, Xatt ta' l-Imsida, St. Joseph's Drive u jispicca quddiem il-Knisja.

**il-marci li ser jindaqqu matul il-marc:**
MARJ-ELIZ — *C. Borg;* 10th SEPTEMBER — *A. Attard;* GHAJN TAL-HASSELIN — *N. Mifsud;* MARIA ROZA — *E. Azzopardi;* SEA BREEZE — *C. Borg;* GRIMPY — *A.Vella;* EDDIE — *S. Zammit;* KEITH — *V. Ciappara;* ROMILDA — *E. Pace;* ISLINGTON — *A. Mizzi.*

**Il-banda tkun taht it-tmexxija**
**Mro. Carmelo Borg.**



# The Falcon Forge

(JOE LAUTIER, Prop.)

**Art Metal Crafts & Blacksmiths**

**TOWER STREET,**
**MSIDA.**
**Tel: 42099.**

*Ghall kull xoghlijiet ta' Ferro Battuto Twieqi tal-Hadid iggalvanizzati, Hadid tat-tarag, ecc, ecc.*

**Assortiment ta' Disinji u Qisien flimkien ma' Xoghol Tajjeb u Malajr.**

---



# MEBER BAND-SAWS

## For the wood-working Industry

Owing to the modern conception of their construction, these machines have met with the favour of the local Woodworking Industry

The heavy steel frame and its wide foot guarantees a running of the machine without vibration. It has not to be fastened to the ground.

The cast-iron flywheels run on rugged ball-bearing and are dynamically counter balanced.

The Work-Table of ample size is of heavy cast-steel and cross ribbed.

The Meber machines are available with Flywheel diamenters of sizes 400mm, 500mm, 600mm and 700mm respectively.

**V.Demajo & Bros.**

8/9, Valetta Road, Paola. Tel: 625372

# TAGHRIF DWAR L-IMSIDA

## MSIDA

"Novissima Surgo" (Gdida tiela) — dawn kienu l-kelmiet li tpoggew fuq l-arma tal-Parrocca ta' l-Imsida.
Harsa lejn l-Imsida, u mill-ewwel tilmah it-toroq wesghin, imzejnin bil-hdura tas-sigar, pjazzez kbar u l-bahar kahlani mzewwaq b'ghadd ta' kuluri tad-dghajjes.
L-isem Imsida gej minn Omm Sidna jew minn Imsajda. Huwa wiehed minn hafna subborgi li wisq probabbli ha l-isem missengha tan-nies li kienu joqghodu hemm dak iz-zmien.
Gran Mastri ta' l-Ordni ta' San Gwann, fosthom Dommedes u Perellos kellhom konnezzjoni ma' l-Imsida. Ta' l-ahhar fuq talba tal-Bali ta' Branderberg Wolfangus Gultemberg bena l-Ghajn tal-Hasselin.



**L-Ghajn tal-Hasselin, li kienet inbniet fi zmien il-Kavallieri.**



**Oggetti misjuba fil-qabar puniku misjub fl-Imsida.**
**(Bil-Kortesija tal-Muzew Nazzjonali).**

Matul l-Assedju ta' l-1565, it-torok uzaw l-Imsida bhala sptar, ezattament fejn illum huwa mibni l-Whitehall. Jinghad li meta gie milqut Dragut waqt battalja, huwa ttiehed f'dan l-isptar fejn ftit wara miet. F'dan il-post ukoll instabu bosta sejbiet Punici Romani li huma mnizzlin fir-registri tal-Muzew Nazzjonali. Sejba partikolari kienet din ta' l-1962, meta f'Princess Margaret Street, instab qabar fil-blat Puniku li fieh kellu skeletru ta' tifla ta' 15-il-sena, kif ukoll bomblu tal-fuhhar, plattina u lampa taz-zejt.
Taghrif fuq l-istorja ta' l-ewwel knisja fl-Imsida, gie moghti fiz-zjara ta' Mons Duzzina fis-sena 1575 u li l-knisja kienet iddedikata lil Marija Immakulata. Bejn l-ewwel u t-tielet seklu aktarx li din kienet sinagiga tal-Lhud u din it-tejorija hija mahruga mill-fatt li l-pjanta tal-knisja taqbel kwazi perfettament mas-sinagoga ta' Caphnahum. Dwar din il-knisja, illum misjuba bhala "iz-zghira" jinghad li Antonio Famucelli bin il-prokuratur tal-knisja



ENJOY REFRESHING
KINNIE
THE POPULAR BITTER SWEET SOFT DRINK
Kinnie
FARSONS
KINNIE
SWEET ☆ NON-ALCOHOLIC
FARSONS-CISK LTD

# TAGĦRIF DWAR L-IMSIDA



Il-Knisja ta' l-Immakulata Kuncizzjoni.

Dionisio Famucelli, ghamel l-istatwa tal-madonna fuq l-altar maggur maghrufa bhala ta' Mattew Bonnici, bhala ringrazzjament lejn il-madonna ghall-helsien mill-pesta. Inghataw ukoll rigali mill-Gran Mastru Cottoner fl-istess zmien.

Fl'1535, Mons Francesco Caruana ghamilha vici-parrocca u fit-2 ta' Marzu, 1867, l-Imsida saret Parrocca minn Mons Gaetano Pace Forno. Ftit wara nxtrat bicca art minghand is-Sur Emmercon biex tinbena knisja gdida u kbira. L-ewwel gebla tqeghdet minn Mons Buhagiar.

Il-knisja tlestiet ftit tas-snin wara u n-nies ta' l-Imsida dahlu kburin f'dan it-tempju t'Alla, fit-23 ta' Mejju 1892. Hawnhekk ta' minn isemmi l-mertu tal-fundaturi tal-parrocca ta' l-Imsida u l-bini tal-knisja taghha — Isqof Gaetano Forno u Mons Francesco Falzon, li jixirqilhom monument f'waha mill-pjazzez taghna.

Maz-zmien bil-hidma tal-kappilani matul dawn is-snin kolla il-knisja tinsab imzejna b'opri zbieh, fosthom l-istatwa tal-patrun tal-parrocca San Guzepp u pitturi ta' bosta artisti Maltin bhal Lazzru Pisani, Guzeppi Cali, il-Misidjan Antonio Inglott u l-Kavallier Envin Cremona. Il-knisja ta' l-Imsida ghandha faccata sabieha, bil-gebla hamranija taghha, elevata fuq zuntier gholi bi triq wiesa quddiemha. Hija maqtugha mill-bini b'zewg toroq laterali.

Fl-Imsida tal-lum insibu l-akbar playground ta' Malta, toroq wesghin, vilel ta' Ta' Xbiex u wara l-iskola primarja. Bil-kazini mdawrin qaqocca fil-pjazza ewlenija li llum giet imsebbha f'sigar u fjuri u fil-futur vicin imzejna b'monument tal-haddiema.

Il-post hekk imsejjah qadim ta' l-Imsida, pittoresk tas-sajjied maghruf bhala "in-naha ta' gewwa" juri l-bidla l-kbira li saret matul is-snin.

Ma jistax jonqos li fl-Imsida ma jissemiex l-isptar San Luqa, l-Universitajiet "il-gdida u l-qadima, il-Yacht Marina li kollha juru l-Imsida bhala s-subborg progressiv ta' Malta.

Forsi hadd qatt ma osserva li fl-Imsida waqt li-knisja parrokkjali hija ddedikata lil San Guzepp, il-knejjes filjali kollha huma ddedikati lill-Madonna.



Il-Knisja Parrokkjali prezenti. Ritratt mehud ftit wara l-ahhar gwerra bil-bahar mirdum quddiem il-Knisja. Il-lum jinsab zviluppat fi playground ghat-tfal u triq sabieha quddiem il-Knisja.

**VALHMOR BORG (IMPORT/EXPORT) LTD.**

**BORG COLD STORES BUILDINGS,**
**ABATTOIR SQUARE**
**MARSA.**

*Importers and distributors of:*

**New Zealand frozen meats**

**Fish and Crustaceans**

**Vegetables**

**Poultry**

**Canned goods**

**tel: 623691/4**



**VERNON FOODS LIMITED**

**ABATTOIR SQUARE,**
**MARSA.**

*Processors of:*

**TOMATO PUREE**
**PEELED TOMATOES**
**PROCESSED PEAS**
**FRUITS IN SYRUP**
**PET FOODS**

**TEL. 623691/4**

# FALZON'S

**PHOTO STUDIO**
**88, Mannarino Road,**
**BIRKIRKARA**

PHONES: STUDIO 40047
Res. 36044

Wedding groups, Parties, Passports, Copying, Colouring and Mountings are accepted.

Cameras, Films and Photo Goods Dealer, Amateur films are developed, printed and enlarged.

CINE AND FLASHLIGHT
WORKS BY APPOINTMENT

With every set of flashlight you will get a free colour enlargement.

**(No connection with any other firm)**

**FREE FILM SERVICE.**




SETTIJIET
TAL-BANJU
CERAMICA
SIMCA

MADUM
TAL-HAJT
CERAMICA
SANTERNO

Assortiment
kbir ta' kuluri
u disinji



# CARMELO ATTARD

*Storijiet:*
**"Carini Stores" Carini Street, St. Venera.**
*Showrooms:*
**"Santerno Rooms" — Pieta.**
**Tel: 40202.**

GHAMARA MALTIJA

# INVICTA

MANIFATTURI TA'

Step Stools —

Ironing Boards —

Baby Cots —

Folding Ladders

Extending Ladders

Shopping Carriers

Coffee Tables tal-Chrome bit-Tinted Glass Top

- Kmamar tas-Sodda
- Salotti
- Cupboards tal-Kċina
- Imwejjed u Siġġijiet
- Xogħol ta' Lostru
- Xogħol ta' Tapezzerija
- Għamara Tubulari
- Kmamar ta' l-Ikel

Fabbrika:

MISRAH IL-BARRIERI, MSIDA

Showrooms:

PAOLA SQUARE, PAOLA —

MARINA STREET, PIETA' —

THE STRAND, SLIEMA —

VALLETTA ROAD, MOSTA

Tel: 626651 — 606440 — 606593